BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 10/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 15 ta' Settembru 2010 fis-6.00pm**

| | |
|---|---|
| *Prezenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 09/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. T.Roberts ippropona u J.Baldacchino issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/09-* Tressqet talba quddiem il-Kamra sabiex nhar it-8, 9 u 10 ta' Ottubru jittella' kunċert b'risq l-SPCA ġewwa l-futbol *ground* il-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba, pero' apparti l-kundizzjonijiet *standard,* fid-dawl tal-*policy* tal-Kunsill ma tatx permess għal bejgħ ta' ikel u xorb.

*02/09-* Tressqet talba minn MJS Holdings sabiex fil-*weekends* ta' bejn Ottubru u Diċembru 2010 jopera *trampoline* fil-Bajja s-Sabiħa. Fuq id-deċiżjoni li l-Kamra ħadet fis-Seduta 09/10 u fid-dawl li l-*policy* ġdida għada ma ġietx finalizzata l-Kamra ma laqgħetx din it-talba.

*03/09-* Minn Ottubru One TV ser jibda jxandar il-programm 'Sibtijiet Flimkien' u jixtieq jinvolvi lill-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant qed iressaq talba sabiex jara l-Kunsill Lokali jridx jieħu sehem f'dan il-programm. Il-Kamra nteressat ruħha li tieħu sehem f'dan il-programm u qablet li J.Baldacchino jkun il-persuna nkarigata. Kulħadd qabel.

*04/09-* Tressqet talba għal konsiderazzjoni tal-Kamra sabiex nhar il-24 ta' Settembru tittella' wirja ta' vetturi amerikani fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kamra faħħret din l-inizjattiva u laqgħet din it-talba. Bħala parti minn din is-serata l-Kunsill ser jesibixxi sensiela ta' ritratti ta' ħidmet il-Kunsill.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-kwotazzjonijiet u sejħiet pubbliċi.

a) Kwotazzjoni Nru. 09/10 - Provista ta' Żebgħa tat-Toroq

| Kuntrattur | Enamel White | Enamel Yellow | |
|---|---|---|---|
| Nru.1 Coleiro General Supplies Ltd. | 20 Ltrs €80.57 | 20 Ltrs €80.57 | Trimite |
| Nru.2 J.J.Ironmongery | 20 Ltrs €132.30 | 20 Ltrs €132.30 | Hempel |
| Nru.3 J.Farrugia | 20 Ltrs €131.70 | 20 Ltrs €131.70 | Hempel |
| Nru.4 Wurth Ltd. | 20 Kg €96.52 / 20Ltrs €96.52 | 20Kg €106.20/ 20Ltrs €106.20 | Colorifico |
| Nru.5 Charlie Camilleri | 20 Ltrs €134.52 | 20 Ltrs €134.52 | Hempel |
| Nru.6 Vella Falzon Bldg. Supplies | 15 Ltrs €120.45 / 20Ltrs€160.60 | 15 Ltrs €120.45/ 20Ltrs €160.60 | Montopaint |
| Nru.7 Tarcisio Caruana Ltd. | 20 Ltrs €129.80 | 20 Ltrs €129.80 | Hempatex |
| Nru.8 Brincats Co. Ltd. | 20 Ltrs €65.00 | 20 Ltrs €79.00 | Jaxa/Galaxy |
| Nru.9 Mario Mallia | 24 Ltrs(30kg)€65.50/20Ltrs €54.58 | 24 Ltrs(30kg)€67.40/20Ltrs€56.17 | Faplisa |
| Nru 10 Koperattiva Tabelli u Sinjali | 20 Ltrs €66.38 | 20 Ltrs €73.75 | Faplisa |

Wara li evalwat il-prezzijiet, il-Kamra qablet li għandhom jintalbu *samples* sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħżel l-aħjar żebgħa għall-orħos prezz.

b) Kwotazzjoni Nru. 10/10 - Provista ta' Żebgħa

| Kuntrattur | Gloss Enamel | Smooth Ext. White | Smooth Ext. Colour | |
|---|---|---|---|---|
| Nru.1 Coleiro General Supplies Ltd. | 2.5Ltrs €36.66 | 4Ltr €23.80 | 4Ltr €38.00 | MaxMeyer Rossetti |
| Nru. 2 J.J.Ironmongery | 1 Ltr €5.50 | 10Ltr €39.65 | 10Ltr €76.47 | Hempel / Bartoline |
| Nru. 3 J.Farrugia | 2.5Ltr €13.00 | | | Hempel |
| Nru.4 Charlie Camilleri | 1 Ltr €5.58 | 10Ltr €44.23 | 10Ltr €85.00 | Hempel / Bartoline |
| Nru.5 Vella Falzon Bldgs Sup. Ltd. | 4 Ltr €32.00 | 12Ltr €39.90 | 12Ltr €39.90 | Monto Paint |
| Nru.6 Josette Brincat | 1 Ltr €5.50 | | | Jaxa |
| Nru.7 Tarcisio Caruana Ltd. | 5Ltr €23.99 | 10Ltr €38.50 | 10Ltr €38.50 | Hempel/Bartoline |

Wara li evalwat il-prezzijiet, il-Kamra qablet li għandhom jintalbu *samples* sabiex tintgħażel l-aħjar żebgħa għall-orħos prezz.

c) Sejħa Pubblika Nru. 01/10 - *Resurfacing of Roads under the PPP Scheme*

| | | |
|---|---|---|
| Kuntrattur Nru. 1 | - Polidano Bros. Ltd. | €2954.59 (excl. item 17) |
| Kuntrattur Nru. 2 | - Silasjv | €2793.01 (excl. item 17) |
| Kuntrattur Nru. 3 | - Alfred Schembri & Sons. Ltd. | €2394.65 (excl. item 17) |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 3 - Alfred Schembri & Sons. Ltd. peress li kien l-orħos wieħed.

***<u>AĠENDA -4</u>***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* għax-xahar ta' Settembru 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €43839.43 titħallas skond Skeda Nru. 09/10.

***<u>AĠENDA -5</u>***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :

   - ser issir stima tal-bini amministrattiv tal-Kunsill mill-Perit sabiex il-valur li jiġi nkluż fl-*insurance* ikun dak kurrenti. Kulħadd qabel.

   - infetaħ kont *savings* ġdid mal-BOV sabiex fih jiġu amministrati l-flus li l-Kunsill ser jieħu taħt il-programm tal-EU EAFRD Measure 323.

   - wara li saru l-*interviews* mal-orħos żewġ kuntratturi fir-rigward ta' kwotazzjoni Nru. 07/10 - Reconciliation of the Fixed Asset Register from 1993 todate, it-tieni l-orħos kuntrattur ma riedx li jkompli bil-proċess u għaldaqstant intgħażel l-orħos kuntrattur D-Consulta għal prezz ta' €1000.

   - nhar il-Ħadd, 19 ta' Settembru 2010, il-Kunsill ser itella' s-serata 'Inġeddu Tfulitna' fil-Bajja s-Sabiħa.

   - l-Kunsill applika għal fondi taħt Memo 95/2010 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011 sabiex f'Settembru 2011 tittella' serata bl-isem "Those were the days….."

   - issa li kważi għaddiet sena minn meta l-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill bdew jiftħu s-Sibtijiet u fid-dawl li l-impjegati li aċċettaw li jaħdmu s-Sibtijiet setgħu jirrevedu l-pożizzjoni tagħhom wara sena, is-Segretarju Eżk. għarfet lill-Kamra li minħabba li qed tistenna tarbija ser tieqaf taħdem is-Sibtijiet. Hi nfurmat lill-Kamra li mill-15 ta' Jannar ser toħroġ bil-*maternity leave*, barra minn hekk issuġġeriet li , senza interessi, tixtieq li l-laqgħat tal-Kunsill tibqa' tagħmilhom regolari u li tibqa' taħdem xi sigħat fil-ġimgħa skond il-bżonn sabiex ix-xogħol jibqa' miexi regolari waqt li tkun bil-*maternity leave.* Il-Kamra ferħet lis-Segretarju Eżk. u unanimament qablet ma' dawn is-suġġerimenti.

2. Minħabba li fis-Seduta Nru. 09/10 il-Kunsillieri J.Borg u R.Zahra kienu skużati s-Sindku ressaq l-artiklu li deher fil-gazzetta 'il-Mument' ta' nhar il-Ħadd, 8 ta' Awwissu 2010. Is-Sindku talab lil J.Borg u lil R.Zahra sabiex jikkonfermaw jew jiċħdu l-allegazzjonijiet li nkitbu fl-artiklu. Kemm J.Borg kif ukoll R.Zahra ċaħdu l-allegazzjonijiet. Is-Sindku rrimarka li hu bħala Sindku dejjem faħħar lil kulmin ta l-għajnuna tiegħu lill-Kunsill għal ġid tar-residenti ikun ta' liema partit ikun.

3. S.Cuschieri issuġġeriet li fis-Seduta li jmiss għandu jiġi diskuss it-*traffic management* għal *area* ta' Triq il-Ħaruf u Triq l-Arzella. Minħabba li T.Roberts għandu d-delega tat-traffiku, sa seduta oħra ser iħejji *traffic plan* għal din l-*area*.

4. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li l-ħitan tas-sejjieħ f'parti ta' Wied il-Qoton qegħdin jiġu mwaqqa' minn trakkijiet kbar li qed jidħlu fl-isqaqien. Wara diskussjoni s-Sindku issuġġerixxa li għandhom jinġabru l-firem tan-nies li raw lil dawn it-trakkijiet iwaqqgħu l-ħitan tas-sejjieħ sabiex il-Kunsill jipproċedi bir-rapport lill-Pulizija.

5. Minħabba periklu li hemm f'parti minn Triq San Ġwann (in-naħa ta' Triq Iż-Żurrieq) R.Zahra issuġġerixxa li jsir *no parking* mill-kantuniera sa l-ewwel kisra tat-triq. T.Roberts informa l-Kamra li sabiex isir *single yellow line* hemm bżonn nagħmlu applikazzjoni lit-Transport Malta. Kulħadd qabel li l-Kunsill għandu japplika.

6. B.Pace infurmat lill-Kamra li minħabba li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jiem Nazzjonali saru ripetizzjoni ser tieqaf torganizzahom. Kulma ser jibqa' jsir hu t-tlugħ tal-bnadar fi Triq Żaren Dalli. Kulħadd qabel.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.00pm. Seduta oħra ser issir nhar ,it-Tlieta, 19 ta' Ottubru 2010 fis-6.00pm. .

.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

| ***Schedule of Payments 09/10*** | | | |
|---|---|---|---|
| ***Period 01/09/2010 till 30/09/2010*** | | | |
| **Cheque** | **To** | **For** | **Amount** |
| 8103 | Bad Boy Cleaning Services Ltd | General Cleaning Service | €318.01 |
| 8086 | Michael Magro | Reimbursed Expenses - July 2010 | €44.00 |
| 8087 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses - July 2010 | €42.50 |
| 8088 | Michael Magro | Door to Door Delivery Qajjenza | €70.00 |
| 8139 | Commissioner of Inland Revenue | NIC & PAYE Aug 10 | €2,193.88 |
| 8105 | JM Installations | Lighting Repairs | €6,912.43 |
| 8106 | Carmen Debattista | Library Opening - July - Aug 2010 | €198.22 |
| 8107 | Tino 2000 | Office Supplies | €44.80 |
| 8108 | Briffa Aluminium & Metals Works | Playground Maintenance | €125.00 |
| 8109 | Supreme Travel Ltd. | Transport - Fathers Day | €247.80 |
| 8110 | Smart Office Supplies Ltd | Stationery | €85.88 |
| 8111 | Media Link Communications Co Ltd | Adverts | €109.50 |
| 8112 | Alfred Schembri & Sons Ltd | Supply of Slabs, Kerb Stones & Droppers | €164.61 |
| 8114 | Tarcisio Caruana Ltd | Hardware Supplies | €9.99 |
| 8115 | Erremme Business Advisors | Professional Fees | €350.00 |
| 8127 | Ronald Bezzina | Extra Work | €150.00 |
| 8116 | Sound Vision Print Ltd | Adverts | €140.84 |
| 8117 | Allied Newspapers | Adverts | €198.12 |
| 8118 | Hightech Office Repairs | Photocopier Repair | €65.00 |
| 8119 | J.Farrugia Ironmongery | Various Hardware Supplies | €643.58 |
| 8120 | J.Brincat | Newspapers June - August 10 | €134.00 |
| 8121 | Swallow Ltd | Transport - Day Center July-Aug 10 | €251.55 |
| 8122 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Non-Slip Work on pavements | €1,447.32 |
| 8123 | Anglu Cutajar | Handy man | €882.32 |
| 8124 | General Ecological Services Co. Ltd. | Washing & Cleaning of pavements & Streets | €2,336.43 |
| 8125 | Techstore Limited | Parts | €54.94 |
| 8126 | Go plc | Telephone Expenses | €399.90 |
| 8091 | Eco-pure | Water Supply | €221.00 |
| 8092 | Mary-Jane Cutajar | Garage Rent | €524.11 |
| 8093 | David Camilleri Podesta | Garage Rent | €1,068.00 |
| 8095-99 | Salaries | Salaries and Wages Aug 2010 | €4,727.06 |
| 8101 | Commissioner of Police | Hire of Barriers - Jum Birzebbuga | €23.30 |
| 8127 | Ronald & Chris Bezzina | Mechanical Sweeping Aug 10 | €780.00 |
| 8127 | Ronald & Chris Bezzina | Upkeep Public Convenience Aug 10 | €1,017.29 |
| 8127 | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning of Public Places Aug 10 | €332.92 |
| 8127 | Ronald & Chris Bezzina | Bulky Refuse July - Aug 10 | €532.50 |
| 8128 | New Era | Extra Sweeping Aug 10 | €472.00 |
| 8128 | New Era | Street Cleaning Aug 10 | €1,939.58 |
| 8129 | ELC | Upkeep Public Gardens Aug 10 | €1,147.92 |
| 8102 | RVS Ltd. | Refuse Collection Aug 10 | €8,008.00 |
| 8130 | Water Services Corp. | Water and Electricity Gnien il-Kunsill | €348.41 |
| 8130 | Water Services Corp. | Water and Electricity Local Council | €1,476.06 |
| 8131 | James Aliosio | Trailer | €1,118.00 |
| 8132 | Pauline Ellul | Office Cleaning | €114.00 |
| 8133 | Roc-a-go Crane Services | Hire of transport | €648.30 |
| 8134 | MG Pulis | Parts | €67.50 |
| 8135 | Charlie Fenech | Tipper Truck Aug 10 | €1,452.00 |
| 8136 | UnionPrint Ltd. | Adverts | €55.13 |
| 8137 | DOI | Adverts | €87.50 |
| 8138 | Tony Minuti | Cutting of Grass | €58.23 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | **Total Paid** | **€43,839.43** |
| **Signature:** | | **Date:** | **Resolution No:** | |
| | | | | |
| | | | | |